MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2006

Talba Numru. 92/2005

**Blye Engineering Co. Ltd**

**vs**

**Bezzina John u fit-30 ta' Dicembru 2005 gie kjamat in kawza**
**Jonathan Zahra**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Lm 465.73 total dovut, kwantu ghal Lm64.53 tal-invoices 37046 tat-13/08/2004 (Dok A) u kwantu ghal Lm401.20 tal-invoice 37079 (Dok B) [u delivery note 813 Dok C tat-12/082004] tat-13/08/2004, ta' diversi oggetti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta , fosthom kumpressur "semi-sealed" tat-tip K300CS. Dan il-frigg baqa' m a' thallasx mill-konvenut oltre l-imghax kummercjali mid-data tal-imsemmi (i.e 13/08/2004) sal-effettiv pagament"

Ra r-risposta tal-konvenut li tghid hekk:

“Risposta tal-konvenut John Bezzina;

Jecepixxi bil-qima:-

Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

Illi l-eccipjenti m’ghandu xejn xi jhallas lill-attrici u dan peress illi:

1. Kwalunkwe oggetti li huwa xtara minghand l-attur u kienu ta’ kwalita’ tajba, dawn thallsu pjenament;
2. Kien hemm oggetti ohra mibjugha mill-attur lill-konvenut li ma kienux tal-kwalita’ pattwita u dawn gew fil-fatt restitwiti.

Illi oggetti ohra msemmija ficc-itazzjoni ma gewx mixtrija mill-konvenut jew bil-kunsens tieghu izda dawn jidher li gew mixtrija minn certu Jonathan Zahra. Zgur li l-esponenti m’ghandux ihallas ghal oggetti mixtrija minn terzi fuq responsabilita’ taghhom.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjez.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza li tghid hekk:

“Illi l-konvenut Jonathan Zahra ma ghandu l-ebda pendenzi mas-socjeta’ attrici Blye Engineering Co. Ltd stante li kien il-konvenut John Bezzina li ordna u xtara l-oggetti minn ghand l-istess socjeta’ u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta’ dan l-avviz.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut John Bezzina.”

Ra l-kontro-talba tal-istess li izda giet irtirata permezz ta’ nota pprezentata fit-3 ta’ Mejju 2006 u ghalhekk it-Tribunal qieghed jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-istess.

Ikkunsidra

Jirrizulta mill-provi li fit-3 t'Awwissu 2004 is-socjeta' attrici bieghet u kkunsinnat kumpressur lill-konvenut, li hallsu fil-pront. Fit-13 t'Awwisu 2004 il-konvenut xtara kumpressur iehor li gie lilu kkunsinnat u nhargitlu invoice li giet iffirmata minn persuna minnu nkarikata. Sussegwentement irritorna l-ewwel kumpressur.

Skond Mariante Abela, sales manager tas-socjeta' attrici, cempillu l-konvenut li lmenta mieghu li l-ewwel kumpressur ma kienx tajjeb. Abela allura talbu jirritornah biex jarah it-technician tas-socjeta' attrici. Sadanittant staqsa lil Jonathan Zahra, technician inkarikat mill-attur,u issa msejjah f'din il-kawza, x'kien hemm hazin u dan wiegbu li fl-opinjoni tieghu kellu short f'zewg phases, u cjoe' kien inharaq minhabba difett fis-*supply* tal-elettriku (fol 31). Dan gie kkonfermat lil Mariante Abela mit-technician tas-socjeta' attrici (fol 32). Is-socjeta' attrici ghalhekk irritornat il-kumpressur lill-konvenut li pero' rega' baghtulha lura. Is-socjeta' attrici ma harget l-ebda *credit note* ghall-ewwel mutur. Din il-verzjoni giet ukoll ikkorroborata mill-konvenut innifsu, li xehed li Blye Engineering m'accettatx li d-difett fil-kumpressur kien mill-fabbrika (fol 59). Ghalhekk ma jistax jigi accettat li t-tieni mutur kien inghata bhala *replacement* tal-ewwel wiehed. Il-ftehim kien li kellu jkun *replacement* biss kemm-il darba jirrizulta li d-difett kien inerenti fil-mutur – u fil-fatt dan ma rrizultax.

Fir-risposta tieghu, il-konvenut m'eccepiex li l-mutur kien difettuz, imma li ma kienx tal-kwalita' pattuwita. Huwa pero' ma gieb l-ebda prova in sostenn ta' din l-eccezzjoni tieghu.

Ghar-rigward tal-oggetti migbura mill-kjamat fil-kawza, is-sales manager ta' Blye Engineering ikkonferma li qabel dan mar jigborhom, cempillu l-konvenut proprju biex javzah li t-technician tieghu, cjoe' Jonathan Zahra kellu jigbor l-oggetti ghan-nom tal-konvenut (fol 29).

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi tillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju; jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u konsegwentement jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta’ LM465.73c prezz ta’ kumpressur u oggetti ohrajn lilu mibjugha u kkonsenjati, bl-imghax legali mit-13 t’Awwissu 2004 sad-data tal-eventwali hlas effettiv u bl-ispejjez kemm tal-attur kif ukoll tal-imsejjah fil-kawza kollha a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------